# L-Indulġenzi marbuta ma' xi Xbihat f'Ħal Kirkop

*Kitba tal-Kan. Dun Jonathan Farrugia*

**Nota Editorjali**

Kull min hu midħla ta' rħula tipiċi Maltin bħal Ħal Kirkop, żgur li ġieli osserva xi skrizzjoni ġeneralment bil-lingwa Latina jew Maltija, taħt in-niċeċ imxerrdin fi triqatna. Dawn ikunu jixhdu li t-tali Isqof ikun ikkonċeda għadd ta' ġranet meħlusa mit-tisfija tal-Purgatorju, jekk wieħed jgħid b'devozzjoni diversi talb quddiem l-istess xbieha. Mhux in-niċeċ fit-toroq mutraba kienu jgawdu minn din l-għajnuna spiritwali, iżda anke x-xbihat tal-Knejjes. Fil-każ tagħna nista' nsemmi kif l-Istatwa ta' San Ġużepp l-antika, dik li tinsab fil-Knisja ta' Loretu l-Gudja, dlonk iżżejnet bl-indulġenzi mal-wasla tagħha fl-1877. Meta mbagħad saret l-istatwa preżenti fl-1884, dawn l-Indulġenzi għaddew kif xieraq għax-xbieha preżenti. Fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp kien ukoll jitwaħħal kwadru qrib il-bieb prinċipali tal-Knisja li joffri indulġenzi oħra lil min kien jidħol il-Knisja f'dawk il-jiem. Permezz ta' dan l-artiklu storikament riċerkat, il-Kan. Dun Jonathan Farrugia, jurina li l-indulġenzi f'Ħal Kirkop imorru aktar minn dak li semmejt jien hawn fuq.

## Daħla

Tradizzjoni popolari ħafna sa qabel is-snin Sittin sas-seklu XX u li llum spiċċat fix-xejn hija dik tal-indulġenzi marbuta max-xbihat. L-indulġenza hija l-maħfra tal-kastig temporali tal-effetti tad-dnubiet maħfura. It-tagħlim tal-Knisja jgħallimna li meta persuna tqerr id-dnub jinħafrilha, iżda l-effetti tad-dnub ma jitħassrux. Biex ir-ruħ tkun tista' tingħaqad ma' Alla fil-ġenna din trid tkun purifikata anke minn dawn l-effetti, għalhekk jeżisti ż-żmien ta' tisfija bejn il-mewt u d-daħla fil-ġenna. Il-valur tal-indulġenza kien li jnaqqas minn dan iż-żmien ta' tisfija. Sal-Konċilju Vatikan II l-indulġenzi kienu jingħataw bir-radam, iżda wara l-kundizzonijiet biex tingħatha indulġenza ġew riveduti u issa jingħataw biss f'okkażjonijiet speċjali.

Eżempju ċar tal-prattika l-antika tal-għoti tal-indulġenzi nsibuh fix-xbihat li jżejnu l-knejjes u t-toroq tagħna. Ħafna minn dawn, fil-fatt fil-maġġur parti, għandhom xi induġenza parzjali marbuta magħhom. Hawn se nagħtu daqqa t'għajn lejn ir-rikorsi għall-indulġenzi marbutin ma' tmien xbihat f'Ħal Kirkop li jkopru eżattament medda ta' nofs seklu. L-ewwel se naraw it-testi ta' dar-rikorsi, imbagħad nisiltu xi tagħrif li noħorġu mid-dettalji li fihom.

## 1. Il-Madonna tar-Rużarju (l-antika) fil-knisja parrokkjali

Umli rikors tal-kjeriku Carmelo Bologna bħala prokuratur ta' Ħal Kirkop:

Jesponi bil-qima illi wara li fl-aħħar Vista Pastorali qaddisa tiegħek inti għoġbok tapprova l-istatwa tal-Verġni Mqaddsa Marija taħt it-titlu tar-Rużarju Mqaddes, din issa ġiet esposta fil-knisja parrokkjali għall-qima tal-insara.

Għaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lill-Eċċ. Tiegħek Reverendissima biex bħas-soltu tingħata l-indulġenza ta' 40 jum lil dawk kollha li jgħidu *Salve Regina* quddiem din l-istatwa.

<u>Risposta</u>: Mogħti kif mitlub nhar is-26 ta' Settembru 1899

## 2. Il-Qalb ta' Ġesù fil-knisja parrokkjali

Ir-rikorrent hawn taħt iffirmat jesponi bl-umiltà kollha li l-W.R. Kappillan Dun Ġużepp Barbara, sabiex ikabbar aktar id-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, jitlob lill-Eċċ. Tiegħek Rev.ma biex, jekk huwa pjaċir tiegħek, jagħti l-indulġenza ta' mitt jum lil min jgħid *Kredu* quddiem din l-imsemmija xbieha li tinsab meqjuma fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.

L-istess rikorrent jafferma li din ix-xbiha hija tassew sabiħa u devota u għalhekk skont l-opinjoni tiegħu jixirqilha tkun imżejna b'indulġenza.

Dun Salvatore Pavia (Vigarju Kurat)

Ippreżentat minn Dun Salv. Pavia nhar id-29 ta' Mejju 1928 lill-kanċillier Kan. Dun Ġ. Buttigieg.

<u>Risposta</u>: Mogħti kif mitlub fis-6 ta' Ġunju 1928.

## 3. San Ġużepp fi Triq San Benedittu

Umli rikors ta' Paolo Debono ta' Triq San Benedittu Nru 37, Ħal Kirkop:

Jesponi bil-qima li r-rikorrent, imqanqal mid-devozzjoni lejn il-Patrijarka San Ġużepp, ordna li ssir niċċa skont l-approvazzjoni meħtieġa tal-inġinier distrettwali tax-xogħol pubbliku; li f'din in-niċċa poġġa statwa li turi lil San Ġużepp bil-Bambin Ġesù. Għalhekk ir-rikorrent jitlob li l-Eċċ. Tiegħek Rev.ma tagħti indulġenza lil min jgħid xi talba magħżula mill-Eċċ. Tiegħek Rev.ma quddiem din l-istatwa.

<u>Nota mill-kappillan</u>: Skont il-ġudizzju tiegħi din ix-xbiha tistħoqqilha d-devozzjoni. Kap. Dun Franġisk

Xuereb, 14 ta' Marzu 1934.

Ippreżentat fil-kurja lill-kanċillier il-Kan. Dun Ġ. Buttigieg mill-kappillan Dun Franġisk Xuereb fis-16 ta' Marzu 1934.

Risposta: Nagħtu indulġenza ta' 100 jum lil dawk kollha li jemmnu fi Kristu li jgħidu *Kredu* quddiem din ix-xbiha. Mogħti mill-Belt Valletta fl-20 ta' Marzu 1934.

## 4. Kristu Sultan fi Triq il-Kbira

Umli rikors ta' GioMaria Busuttil:

Jesponi bil-qima li wara li ġab il-permess meħtieġ mill-awtorità ċivili, waqqaf niċċa fuq il-frontispizju ta' dar minn tiegħu; li f'din in-niċċa poġġa għall-wiri statwa sabiħa minquxa fil-ġebel tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu Sultan. Għalhekk ir-rikorrent umilment jitlob lill-Eċċ. Tiegħek Rev.ma biex b'ġenerożità tagħti l-indulġenza tas-soltu għal xi talba li għandha tingħad minn min ikun għaddej.

GioMaria Busuttil, Triq il-kbira, Ħal Kirkop.

Nota mill-kappillan: Rajt li l-istatwa hi sabiħa u jixirqilha tkun imżejjna b'indulġenza. Kap. Dun Franġisk Xuereb. 4 ta' Marzu 1934.

Ippreżentat lill-Kanċillier Kan. Dun Ġ. Buttigieg nhar is-16 ta' Marzu 1934.



**Il-Kappillani Dun Franġisk Xuereb u Dun Mikiel Spiteri, li ressqu l-maġġoranza tar-rikors biex jingħataw l-indulġenzi lil diversi xbihat meqjuma f'Ħal Kirkop.**

Risposta: Nagħtu indulġenza ta' 100 jum lil dawk kollha li jemmnu fi Kristu li jgħidu *Kredu* quddiem din ix-xbiha. Mogħti mill-Belt Valletta fl-20 ta' Marzu 1934.

## 5. San Leonardu fi Piazza Maggiore

Umli rikors ta' Giovanni Cassar:

Jesponi bil-qima li fuq il-prospettva tad-dar tiegħu għandu niċċa li fiha statwa, minquxa fil-ġebel, ta' San Leonardu, li jixirqilha l-qima. Għaldaqsant ir-rikorrent umilment jitlob lill-Eċċ. Tiegħek Rev.ma biex b'ġenerożità tagħti l-indulġenza tas-soltu għal xi talba li għandha tingħad minn min ikun għaddej.

Giovanni Cassar, Piazza Maggiore, Ħal Kirkop.

Nota mill-kappillan: Rajt l-istatwa msemmija u fl-opinjoni tiegħi jixirqilha l-qima. Dun Franġisk Xuereb, Kappillan. 30 ta' Novembru 1936.



**In-Niċċa fuq il-forn ta' Ċoqq**

Preżentat minn Ġużeppi Ellul lill-Kanċillier il-Kan. Dun Ġ. Buttigieg nhar it-3 Ota' Novembru 1936.

Risposta: Nagħtu l-indulġenza ta' 100 jum lil dawk li jgħdiu *Missierna, Sliema* u *Kredu* quddiem din l-istatwa ta' San Leonardu. Mogħti mill-Belt Valletta nhar id-9 ta' Diċembru 1936.

## 6. San Ġużepp fi Triq il-Belt Valletta

Umli rikors tal-kappillan ta' Ħal Kirkop Dun Ġużepp Inguanez:

Ir-rikorrent hawn taħt iffirmat, waqt li għarkubbtejh ibus iċ-ċurkett imqaddes, umilment jitlob l-inġulenza ta' 100 jum lil min jgħid *Missierna, Sliema* u *Glorja* quddiem l-isatwa ta' San Ġużepp li tinsab mal-faċċata tad-dar ta' Rosa Farrugia, liema statwa, fl-opinjoni miżera tiegħi, hi tassew sabiħa u devota.

Kap. Dun Ġużepp Inguanez.

Preżentat mir-rikorrent nhar it-8 a' Novembru 1938 lill-Kanċillier il-kanonku Enrico Bonnici.

Risposta: Mogħti kif mitlub, mill-Imdina nhar it-13 ta' Novembru 1938.



**Rożi Farrugia waqqfet niċċa fuq darha li tħares fuq Triq Valletta u talbet li jingħatawlha l-indulġenzi permezz tal-Kappillan Dun Franġisk Xuereb.**

## 7. Il-Madonna ta' Fatima fil-knisja parrokkjali

Umli rikors ta' Dun Mikiel Spiteri, kappillan ta' Ħal Kirkop

Jesponi bil-qima li l-istatwetta tal-Madonna ta' Fatima għadha mhix imżejjna b'indulġenza. Għaldaqstant ir-rikorrent bil-qima jitlob lill-Eċċ. Tiegħek Rev.ma biex jogħġbok tagħti 200 jum indulġenza lil min jgħid bil-qalb *Salve Regina* quddiem din ix-xbiha.

Dun Mikiel Spiteri.

Preżentat mir-rikorrent nhar l-20 ta' Diċembru 1950 lill-prokanċillier Dun Ġ. Agius.

Risposta: Mogħti skont ma hu mitlub, mill-Belt Valletta nhar il-21 ta' Diċembru 1950.



**L-Istatwa tal-Madonna ta' Fatima maħduma mill-Fabbrika Ferdinand Stuflesser ta' Bolzano, fuq inizjattiva tal-Kappillan Spiteri, li fit-tieni ritratt tidher kif kienet armata fuq l-Altar Maġġur fl-1949 meta waslet Ħal Kirkop.**

## 8. San Leonardu (il-ġdid) fil-Knisja Parrokkjali

Umli rikors ta' Dun Mikiel Spiteri, Kappillan ta' Ħal Kirkop:

Jesponi bil-qima li l-istatwa l-ġdid tal-qaddis titulari San Leonardu għadha mhix imżejjna b'indulġenza. Għaldaqstant ir-rikorrent bil-qima jitlob lill-Eċċ. Tiegħek Rev.ma biex jogħġbok tagħti 200 jum indulġenza lil min jgħid bil-qalb *Missierna, Sliema* u *Glorja* quddiem din ix-xbiha.

Dun Mikiel Spiteri

Preżentat mir-rikorrent lill-prokanċillier Dun Ġ. Agius nhar l-20 ta' Diċembru 1950.

Risposta: Mogħti skont mitlub, mill-Belt Valletta nhar il-21 ta' Diċembru 1950.

## L-Istatwi fil-Knisja Parrokkjali

Milli nistgħu naraw, il-formula ta' kif kellu jsir rikors kienet waħda xi ftit jew wisq fissa: ir-rikorrent (normalment sid l-istatwa jew xi delegat tiegħu) jitlob permess lill-Isqof ta' Malta biex iżejjen statwa partikulari b'indulġenza ta' xi ġranet għall-benefiċċju ta' min jitlob quddiemha. Hemm xi każi – ġeneralment għall-istatwi li jinsabu fil-knisja – fejn ir-rikorrent stess jispeċifika liema talb għandu jingħad u kemm ġranet għandhom jingħataw; f'każijiet oħra, meta l-istatwa in kwestjoni tinsab mal-faċċata ta' dar privata, dawn id-dettalji jingħataw mill-Isqof.

L-ewwel rikors[1], li ġej mill-1899, jitkellem dwar l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju l-antika, xogħol Karlu Darmanin, li kienet tinsab fil-knisja parrokkjali u li nbidlet ma' dik preżenti f-1965. B'xorti ħażina din l-istatwa l-oriġinali tpoġġiet fid-Domus u wara xi snin intilfu t-traċċi tagħha. Li nitgħallmu minn dan ir-rikors, li ġie aċċettat fis-26 ta' Settembru, hu li din l-istatwa kienet ġiet approvata għall-qima pubblika mill-isqof Pace xi żmien qabel fil-viżta pastorali li għamel f'Ħal Kirkop. Nifhmu li saret f'dak iż-żmien. Interessanti wkoll il-fatt li, minkejja li din l-istatwa saret għall-knisja, ir-rikors għamlu l-kjeriku Carmelo Bologna[2].

Wara vojt ta' 29 sena nsibu rikors[3] għal indulġenza marbuta ma' statwa oħra li tinsab fil-knisja, liema rikors għal darb'oħra ma sarx mill-kappillan, imma mill-viċi parroku[4]. L-istatwa din id-darba hija dik tal-Qalb ta' Ġesù. Milli nistgħu nifhmu din l-istatwa ġa kienet ilha xi żmien fil-knisja għax ir-rikorrent Dun Salv Pavia jispeċifika li kienet *"venerata"* fil-knisja u li t-talba għall-indulġenza kienet inizjattiva tal-Kappillan Barbara biex tkompli tikber id-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa, mela bilfors li kien ilha f'postha biżżejjed żmien biex ġibdet il-qima tal-poplu. L-unika informazzjoni li nafu dwar din l-istatwa hi li fl-istil tagħha tixbaħ lix-xogħol ta' Karmnu Mallia 'il-Lhudi' li fil-bidu tas-seklu 20 ħadem ħafna statwi ta' barra għall-festi fl-irħula tan-naħa ta' isfel ta' Malta, kif ukoll għal xi kappelli.

Fil-lista nsibu żewġ statwi oħra li jinsabu fil-knisja li għalihom intalbet indulġenza fl-istess ġurnata, nhar l-20 ta' Diċembru 1950[5]. Iż-żewġ statwi in kwestjoni huma l-istatwetta tal-Madonna ta' Fatima u dik ġdida ta' San Leonardu, li ħadet post l-antika tal-kartapesta maħduma minn Karlu Darmanin fl-1877. Ir-raġuni għala nbidlet l-istatwa titulari probabilment kienet għax fil-mentalità popolana statwa tal-injam hija aktar preġjata minn statwa tal-kartapesta. Raġuni plawżibbli oħra kienet li minħabba li l-festa kienet issir fix-xitwa, aktar kien prudenti li l-istatwa tkun tal-injam milli tal-kartapesta minħabba l-periklu tax-xita. Peress li ħafna statwi tal-injam kienu qed jiġu ordnati mill-fabbrika Stuflesser ta' Bolzano, fosthom l-istatwa ta' Sant'Anna ta' Marsakala, il-Koppin tħajru jġibu statwa mingħand l-istess fabbrika, liema statwa waslet fl-1949 wara rikros li sar fl-istess sena.

Dwar l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima nistgħu ngħidu li wara li fl-1949 ix-xbiha tal-Madonna, li kienet inġiebet mill-Portugall sena qabel, daret ħafna parroċċi, fosthom Ħal Kirkop bejn it-28 ta' Frar u s-6 ta' Marzu u ngħatat qima mistħoqqa, sar tentattiv mill-kappillan Spiteri biex din id-devozzjoni tinżamm ħajja billi f'Mejju ta' sena wara, fl-1950, inxtrat statwa oħra tal-Madonna taħt l-istess titlu mid-ditta Stufflesser ta' Bolzano[6]. Din intramat l-istess kif kienet intramat l-istatwa tal-Portugall ftit aktar minn sena qabel.

Xi xhur wara l-wasla tal-istatwetta tal-Madonna ta' Fatima, il-kappillan innifsu talab li ż-żewġ statwi ta' Bolzano jiżżejnu b'indulġenza. Wisq probabbli l-oriġni ta' din it-talba kien il-fatt li l-istatwa l-antika ta'

Darmanin kellha indulġenza – dan nafuh għax f'ritratti antiki tal-istatwa armata għall-festa din għandha quddiemha kwadru żgħir li normalment kien ikollu l-kliem tal-indulġenza miktub fuqu. B'hekk kien xieraq li l-istatwa li ħaditilha posta wkoll ikollha indulġenza u l-kappillan, għalhekk, talabha u żied talba oħra għall-istatwa tal-Madonna ta' Fatima.

## L-Istatwi tat-toroq

Każijiet interessanti wkoll huma s-suppliki marbuta mal-istatwi li jinsabu fit-toroq. Minn dawn l-erba' li jissemmew hawn, waħda minnhom, dik ta' Kristu Sultan li kienet fil-kantuniera bejn Triq il-Kbira u Triq Nejder inqerdet fil-gwerra. Wara l-gwerra ngħata kumpens mill-War Damage Commission lill-Familja Busuttil, li kienet tgħix f'dik id-dar, u l-flus intużaw biex saret gallarija tal-injam flok l-istatwa. Ir-rikors[7] għaliha sar fis-16 ta' Marzu 1934 minn Ġammari (GioMaria) Busuttil u twassal il-Kurja mill-Kappillan Dun Franġisk Xuereb. L-indulġenza ingħatat erbat ijiem wara.

Fl-istess ġurnata ngħatat indulġenza għal statwa oħra li tinsab fit-toroq ta' Ħal Kirkop, dik ta' San Ġużepp li tinsab mad-dar li kienet iġġib in-numru 37 fi Triq San Benedittu. Is-Sur Pawlu Debono, sid id-dar li fuqha tpoġġiet din l-istatwa, jgħid fir-rikors[8] li kien imqanqal mid-devozzjoni lejn il-kbir patrijarka biex ordna li ssir din l-istatwa, dettall li ma nsibuh fl-ebda rikors ieħor għal statwa ma' dar privata. L-iskultur li naqqax din l-istatwa kien Carmelo Zammit[9].



Giovanni Maria Busuttil li talab l-Indulġenzi għan-niċċa ta' Kristu Re li kellu mad-dar tiegħu fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq in-Nejder. Din sfortunatament inqerdet bil-gwerra.





Paolo Debono taċ-Ċinoklu waqqaf Niċċa Kbira fuq id-dar tiegħu fi Triq San Benedittu, bix-xbieha tkun kopja fidila tal-Istatwa meqjuma fil-Knisja Parrokkjali.

Li għandhom in komuni dawn iż-żewġ rikorsi, u li jagħtina nota interessanti dwar in-normi ċivili biex isiru dawn it-tip ta' istatwi, hu li t-tnejn jispeċifikaw li dawn saru wara li ngieb il-permess meħtieġ mill-awtoritajiet ċivili: *"ha fatto fabricare una nicchia colla debita approvazione del inginiere distrettuale dei lavori pubblici"*; *"espressamente avuto il debito permesseo dall'autorità civile, ha eretto sul protespizio di una sua decente abitazione una nicchia"*. Minn hawn nifhmu li, almenu fit-Tletinijiet, wieħed kellu jitolb permess biex jagħmel niċċa mal-faċċata tad-dar tiegħu. Mill-mod kif inhuma miktub ir-rirkorsi nistgħu nobsru wkoll li daż-żewġ statwi ma sarux wisq żmien qabel l-1934.

Każ ftit differenti jippreżentawlna ż-żewġ statwi l-oħra: dik ta' San Leonardu li tinsab f'Misraħ Ħal Kirkop (fiż-żmien Piazza Maggiore) ma' dak li llum huwa s-sede tal-Kirkop United F.C., u dik ta' San Ġużepp li tinsab fi Triq il-Belt Valletta fejn fiż-żmien meta sar ir-rikors kienet toqgħod Rosa Farrugia.

L-ewwel waħda minn dawn li ngħatatilha indulġenza hija dik ta' San Leonardu. Id-dar dak iż-żmien kienet mgħammra minn Giovanni Cassar. Fit-30 ta' Novembru tal-1936 ir-rikors[10] għall-indulġenza ġie ppreżentat lill-kanċillier, il-Kanonku Dun Ġ. Buttigieg, minn ċerti Ġużeppi Ellul, preżumibbilment xi ħabib jew qarib ta' Cassar. Il-permess mixtieq ingħata disat ijiem wara. Ħaġa partikulari li għandu partikulari dan ir-rikors hu li r-risposta mogħtija mill-Isqof hija miktuba bit-Taljan flok bil-Latin, kif baqgħet in-norma sas-Snin Sebgħin.

Sentejn wara, fit-8 ta' Novembru 1938, il-kappillan Dun Ġużepp Inguanez talab[11] biex tingħata indulġenza lil min jitlob *Missierna*, *Sliema* u *Glorja* quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab mal-faċċata tad-dar ta' Rosa Farrugia, fi Triq il-Belt Valletta. Il-familji Farrugia u Axiaq, tal-Giżija, kienu devoti ħafna tal-Patrijarka, kif ukoll Benefatturi kbar tal-Fratellanza. Meta fl-1956 saru l-gandlieri tal-metall għall-Artali kollha tal-knisja, Rosa kienet ħallset dawk tal-artal ta' San Ġużepp. L-indulġenza ngħatat fit-13 ta' Novembru ta' dik is-sena. Li għandu interessanti dan ir-rikors hu li l-permess ġie ffirmat mill-Isqof Caruana fir-residenza tiegħu tal-Imdina[12], mhux fil-Kurja tal-Belt. Probabbilment l-inizjattiva biex tingħata din l-indulġenza ma kienetx ġejja mill-kappillan, minkejja li r-rikors għamlu hu. Għandna nifhmu li kienet Farrugia stess talbet lill-kappillan jagħmlu f'isimha; dan nistgħu nobsruh minħabba li mhix ħaġa regolari li kappillan jagħmel talba għal oġġett li huwa proprjetà privata, kif ukoll minħabba l-fatt li fir-rikors isemmiha b'isimha u ma jagħtix l-indirizz tad-dar: *"collocata nella facciata della casa di Rosa Farrugia"*.

Fil-każ ta' dawn iż-żewġ statwi mkien ma nsibu refereza li kien intalab il-permess mill-awtoritajiet ċivili biex jitpoġġew f'posthom. Għall-kuntrarju, mill-kliem użat nifhmu li dawn l-istatwi diġà kienu hemm: *"sulla prospettiva della sua abitazione ha una nicchia con in*

*essa una statua scolpita in pietra di San Leonardo"*[13]; *"statua di S. Giuseppe collocata nella facciata della casa di Rosa Farrugia"*[14]. Minn hekk nistgħu nikkonkludu li dawn iż-żewġ statwi probabilment imorru lura aktar mid-data li fiha żżejnu bl-indulġenzi.

## Għeluq

L-aħħar ftit punti li nistgħu nsemmu biex nagħlqu dan l-istudju jitrattaw dwar il-ġranet tal-indulġenzi, it-talb li kellu jsir u dwar il-kwalitajiet meħtieġa biex statwa jkollha l-indulġenza.

L-ammont tal-ġranet indulġelzjati jvarjaw minn 40 jum għal 200 ġurnata. Il-maġġoranza tal-istatwi (l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù ta' ġol-knisja u l-istatwi ta' kollha tat-toroq) kienu jrebbħu 100 jum lil min kien jitlob quddiemhom. L-aħħar żewġ statwi li għalihom saru r-rikorsi, dawk tal-Madonna ta' Fatima u ta' Leonardu, li t-tnejn jinsabu fil-knisja, ingħataw 200 jum, waqt li l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju tal-knisja ngħatawlha biss 40 jum, u dan fuq talba tal-kjeriku Bologna li għamel ir-rikors. Biss fil-każ ta' din l-istatwa naqraw: *"accordare la solita indulgenza di giorni 40"*; mela forsi n-norma ta' dak iż-żmien kien li jingħataw daqshekk biss[15]. Wara nsibu s-sensiela ta' rikorsi li kollha jingħataw 100 jum, l-ewwel waħda fosthom l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù fejn hemm miktub speċifikament mir-rikorrent Dun Salv Pavia: *"si compiaccia concedere l'indulgenza di cento giorni"*. Għall-aħħar tnejn, dawk tal-1950, il-kappillan jitlob li jingħataw 200 jum. Forsi aktar ma beda jgħaddi żmien aktar l-indulġenzi bdew jingħtaw bir-radam u kien dan li wassal għal normi aktar restrittivi fil-Konċilju Vatikan II.

Rigward it-talb nistgħu ngħidu li fil-każ tal-istatwi tal-Madonna dejjem ingħatat direttiva għal *Salve Regina*[16]; għall-istatwi ta' Ġesù Kristu kien jingħata l-*Kredu*[17]; għall-istatwi ta' San Ġużepp l-indikazzjoni kienet darba ta' *Kredu*[18] u darb'oħra ta' *Missierna, Sliema* u *Glorja*[19]. Fil-każ tal-istatwi ta' San Leonardu darba nsibu indikazzjoni għal *Missierna, Sliema* u *Kredu*[20] u darb'oħra ta' *Missierna, Sliema* u *Glorja*[21]. Fil-każ tal-istatwi tal-qaddisin ma jidhirx li kien hemm norma fissa.

L-aħħar kelma hi dwar il-kwalitajiet meħtieġa biex statwa tiżżejjen b'indulġenza. Ir-rikorsi kollha li saru qabel it-Tieni Gwerra Dinjija kollha fihom element komuni: dwar l-istatwi kollha jingħad li jixirqilhom l-indulġenza għax huma sbieħ u devoti. Fil-każ tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju dan mhux miktub espliċitament, imma nistgħu nifhmuh min-nota li hemm dwar l-approvazzjoni tal-istatwa li saret mill-Isqof Pace meta dan għamel il-viżta pastorali xi żmien qabel[22]. Fil-każ tal-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù naqraw li kienet statwa *"veramente bella e devota"*. Fil-każ tal-istatwi tat-toroq ninnutaw li kull rikors fih nota ffirmata mill-kappillan attwali fejn jafferma li huma statwi sbieħ jew li almenu jisthoqqilhom il-qima: *"Visto il simulacro è bello e merita di essere indulgenziato"* (Dun Franġisk Xuereb) jew *"a mio umile giudizio, è veramente bella e devota"* (Dun Ġużepp Inguanez). B'hekk ninnutaw li sa ċertu żmien il-ġmiel tal-istatwa kellu sehem importanti fl-għoti tal-indulġenzi (wara kollox min se jieqaf jitlob quddiem xbiha kerha!). Fil-każ tal-aħħar żewġ statwi ma nsibux noti simili, forsi għax bħalma għedna l-għoti tal-indulġenzi tant kien sar frivolu li kien sar jitqies bħala dritt li kellu jkollha kull xbiha[23].

**Referenzi**

1 Suppliche 1899 III (vol. 135) 392/1899.

2 Bologna kien minn Raħal Ġdid u kien inħatar prokuratur tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop wara li fl-1896 il-kappillan Barbara ġie mċaħħad minn din il-prokura fuq akkużi relatati mal-fondi tal-knisja u xi kirjiet użati favur il-festa ta' San Ġużepp biex din tkompli tikber.

3 Suppliche 1928 (vol. 229) 225/28.

4 Fl-aħħar snin tal-parrokat tiegħu, minħabba l-avvanz fl-età u t-telfa tad-dawl, Barbara kellu diversi vigarji li kienu jgħinuh fit-tmexxija tal-parroċċa. Dun Salv Pavia, li għamel dan ir-rikors, kien wieħed minnhom. Fost oħrajn kien hemm ukoll Dun Franġisk Xuereb li laħaq kappillan wara l-mewt ta' Barbara (Alexander Bonnici, *Ħal Kirkop: San Leonardu f'Il-knejjes parrokkjali ta' Malta u l-festi tagħhom* vol. II, ed. Michael J. Schiavone, Gwardamanġa 1993, 21.

5 Suppliche 1950 III (vol. 313) 670/50; 671/50.

6 Tagħrif dettaljat dwar il-miġja tal-istatwa tal-Madonna ta' Fatima f'Ħal Kirkop, flimkien ma' bosta ritratt interessanti, deher f'artiklu ta' Angelo Schembri fil-ktieb tal-festa tal-2012, f'paġni 47-51.

7 Suppliche 1934 II (vol. 259) 126/34.

8 Suppliche 1934 II (vol. 259) 125/34.

9 Dan nistgħu ngħiduh mill-firma li fiha: Carmelo Zammit fecit. Ħajr lis-Sur Angelo Schembri tad-dettall.

10 Suppliche 1936 V (vol. 272) 551/36.

11 Suppliche 1938 IV (vol. 281) 472/38.

12 Datum in Civ. Notabili die 13 Nov. 1938.

13 Suppliche 1936 V (vol. 272) 551/36.

14 Suppliche 1938 IV (vol. 281) 472/38.

15 Dettal li jista' jivverifika din l-ipoteżi hu li l-indulġenza mogħtija fit-18 ta' Jannar 1840 fuq statwa proċessjonali oħra, dik ta' Santa Marija Assunta tal-Imqabba, kienet ukoll ta' 40 jum biss.

16 *quei fedeli che recitassero innanzi detta statua Salve Regina* (392/1899); *a chi devotamente recita "una Salve Regina" dinnanzi a detta immagine* (670/50)

17 *chiunque reciterà un Credo innanzi la menzionata immagine* (225/28); *Concedimus [...] om.bus Christifidelibus recitantibus 'Credo' coram imagine de qua* (126/34).

18 *Concedimus indulgentiam om.bus Christifidelibus recitantibus Credo coram imagine de qua* (125/34).

19 *a chi reciti un Pater, Ave e Gloria dinanzi alla statua di S. Giuseppe* (472/38).

20 *a coloro che reciteranno un Pater, Ave, Credo dinnanzi a questa statua di San Leonardo* (551/36)

21 *a chi devotametne recita "un Pater, Ave e Gloria" dinnanzi a detta immagine* (671/50).

22 *essendo già approvata da Vostra Eccellenza Rev.ma nella Sacra Ultima Visita Pastorale la statua della B.V. Maria sotto il titolo del S.S. Rosario* (392/1899).

23 Dan nistgħu nobsruh anke mit-terminoloġija użata fl-aħħar żewġ rikorsi: *"la statua [...] non è ancora munita di indulgenza"*.